# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

LULJU 1934 ] IR-RABA' SENA [ Ghadd 41

# IL-MALTI FL-ISKEJJEL U L-MALTI FL-EŻAMIJIET

Biex tagħlim il-Malti fl-iskejjel ma jkunx telf ta' żmien u biex l-eżamijiet tal-Malti jintrefgħu aktar fil-għoli u jkollhom il-ġieh li ħaqqhom, bħalma għandhom l-eżamijiet ta' ilsna oħra, jaħtieġ fuq kollox u qabel kollox li titħażżeż it-trieq kollha, li għandu jimxi t-tagħlim tal-Malti, titqassam taqsima taqsima, u ma' dan it-taqsim jitqabblu l-eżamijiet. S'issa tagħlim u eżamijiet tal-Malti aktarx li jduru fuq l-ortografija biss u fuq xi biċċa traduzzjoni. Dan mhux biżżejjed, bħalma mhux biżżejjed f'ilsna oħra. Tassew li l-ortografija hija s-sies li fuqu għandu jinbena t-tagħlim kollu tal-Malti; iżda sisien bla bini fuqhom huma nofs xogħol li ma jiswa xejn.

Fil-fehma tagħna t-tagħlim tal-Malti, biex ikun sħiħ, għandu jinfirex fuq dawn il-friegħi kollha :

Ortografija; Grammâtka u Sintassi; Qari ta' proża u poëżija; Traduzzjoni; Komponimenti; Taqsir ta' kitba; Tagħrif fuq il-kittieba tal-Malti.

U dawn il-friegħi jitqassmu hekk :

A. Fil-klassijiet iż-żgħar ta' l iskejjel tal-Gvern :

1. Bidu ħafif ta' ortografija ;
2. Dettatura ;
3. Qari ta' bċejjeċ ħfief proża u poëżija.

B. Fil-klassijiet il-kbar ta' l-iskejjel tal-Gvern :

1. Il-bqija ta' l-ortografija ;
2. Dettatura u tiswija ta' kitba ħażina ;
3. Traduzzjoni mill-ingliż ;
4. Bidu ħafif ta' Grammâtka ;
5. Qari ta' proża u poëżija u tifsir ta' kliem tqil.

C. Fl-ewwel klassi tal-Liċeo :

1. Grammâtka ;
2. Traduzzjoni ;
3. Komponimenti ;
4. Qari.

D. Fit-tieni klassi tal-Liċeo :

1. Sintassi u tagħrif fuq l-istíl tal-kitba Maltija u fuq il-kitba tal-poëżija ;
2. Komponimenti, Traduzzjoni ta' Dokumenti Uffiċċjali.
3. Taqsir bil-Malti ta' kitba twila bil-Malti jew b'ilsien ieħor; (Diskorsi, Dispaċċi)
4. Tagħrif fuq il-kittieba tal-Malti u fuq il-kotba tagħhom.

U fuq dan it-taqsim għandhom jimxu l-eżamijiet. Biex tifel jidħol fl-ewwel klassi tal-Malti tal-Liċeo, irid ikun għadda t-tagħlim kollu ta' l-iskejjel tal-Gvern, jew inkella jagħmel eżami ta' kulma jitgħallmu mill-Malti fl-iskejjel tal-Gvern jew bnadi oħra. Biex wieħed jidħol fit-tieni klassi, jinħtieġ ikun għadda l-eżami ta' l-ewwel klassi. L-eżami taċ-ċivil isir fuq il-Grammâtka u Sintassi, Komponimenti, Traduzzjoni u Taqsir ta' kitba. Id-dettatura titneħħa għal kollox; il-mistoksijiet fuq l-ortografija jitneħħew jew jitnaqqsu, għax mill-komponiment wieħed juri x'jaf u x'maj afx mill-ortografija.

Din hi l-fehma tagħna li aħna ridna ngħarrfuha, mhux bil-ħsieb li nindaħlu fejn ma jesagħniex u l-anqas bil-ħsieb li nġâgħlu 'l min għandn s-setgħa f'idejh joqgħod għalli rridu aħna, iżda bil-ħsieb biss li nnebbħu 'l ħaddieħor fuq dak li jista' jsir għall-ġid tat-tfal u għall-ġieħ tat-tagħlim ta' lsienna.